

2. L-Artikolu 4(1) huwa emendat kif ġej:

- (a) fil-punt (ċ), "Direttiva separata rilevanti" hija sostitwita bi 'id-Direttiva separata rilevanti kif imsemmija fl-Anness IV jew XI';
- (b) fil-punt (d), "id-Direttiva separata rilevanti" hija sostitwita bi 'id-Direttiva separata rilevanti kif imsemmija fl-Anness IV jew XI';
- (ċ) is-subparagrafi li ġejjin huma miżjuda:

"Fil-każ ta' l-approvazzjoni ta' vettura li għandha x'taq-sam mal-Anness XI jew mal-Artikolu 8(2) (ċ), jew fil-każ ta' l-approvazzjoni ta' sistema, ta' komponent, jew ta' unità teknika separata, li għandha x'taq-sam mal-Anness XI jew mal-Artikolu 8(2)(ċ) u inklużi r-restrizzjonijiet jew l-eżenzjonijiet minn xi disposizzjonijiet tad-Direttiva separata rilevanti, iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni għandu jinkludi r-restrizzjonijiet fuq il-validità tagħha u l-eżenzjonijiet mogħtija u għandu jingħata numru speċjali ta' approvazzjoni skond id-disposizzjonijiet ta' l-Anness VII.

Meta d-dettalji fil-*folders* ta' informazzjoni imsemmija f' (a), (b), (ċ), u (d) t'hawn fuq jispeċifikaw disposizzjonijiet għal vetturi bi skop speċjali kif denotat fil-kolonna rilevanti ta' l-Anness XI u l-Appendiċi tiegħu, iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip għandu jispeċifika wkoll dawn id-disposizzjonijiet u l-eżenzjonijiet.";

3. L-Artikolu 5(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Artikolu 5

Emendi għall-approvazzjonijiet tat-tip

1. L-Istat Membru li jkun ta' approvazzjoni tat-tip għandu jjeħu l-passi meħtieġa biex jassigura li huwa jkun infurmat dwar kull tibdil fid-dettalji li jidhru fil-pakkett ta' informazzjoni.

2. L-applikazzjoni għal emenda ta' l-approvazzjoni tat-tip għandha tiġi sottomessa esklussivament lill-Istat Membru li jkun ta' l-approvazzjoni tat-tip oriġinali.

3. Fil-każ ta' l-approvazzjoni ta' sistema, ta' komponent, jew ta' unità teknika separata, jekk id-dettalji li jidhru fil-pakkett ta' informazzjoni jkun nbidlu, l-awtorità ta' approvazzjoni tal-Istat Membru in kwistjoni għandha toħroġ paġna/i riveduti tal-pakkett ta' informazzjoni kif meħtieġ, u timmarka kull paġna riveduta biex turi b'mod ċar in-natura tal-bidla u d-data tal-ħruġ mill-ġdid; verżjoni kkonsoġdata w aġġornata tal-pakkett ta' informazzjoni akkumpanjata b'deskrizzjoni dettaljata tal-bidla għandha titqies ukoll li tissodisfa din il-ħtieġa.

Fkull okkażjoni meta jkun maħruġa paġni riveduti jew verżjoni konsolidata w aġġornata l-indiċi tal-pakkett ta' informazzjoni (li jkun anness maċ-ċertifikat ta' approvazzjoni) għandu jkun emendat wkoll biex juri l-aħħar dati tal-paġni emendati jew id-data tal-verżjoni kkonsoġdata w aġġornata.

Jekk, minbarra dan, jew xi informazzjoni fiċ-ċertifikat ta' approvazzjoni (eskluż l-annessi tiegħu) tkun inbidlet jew il-ħtiġiet tad-Direttiva jkun nbidlu sa mid-data korrenti ta' fuq l-approvazzjoni, l-emenda għandha tissemma bħala 'estensjoni' u l-awtorità ta' approvazzjoni ta' l-Istat Membru in kwistjoni għandha toħroġ ċertifikat ta' approvazzjoni emendat (denotat b'numru ta' l-estensjoni) li għandu juri b'mod ċar ir-raġuni għall-estensjoni u d-data ta' ħruġ mill-ġdid.

Jekk l-awtorità ta' approvazzjoni tal-Istat Membru in kwistjoni ssib li xi emenda għal pakkett ta' informazzjoni tkun tiġġustifika testijiet u verifiki ġodda, għandha tinforma lill-fabbrikant b'dan u toħroġ id-dokumenti msemmija fl-ewwel, it-tieni u t-tielet subparagrafi biss wara wara t-tweġtieq b'suċċess ta' testijiet jew verifiki ġodda.

4. Fil-każ ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' vettura, jekk id-dettalji li jidhru fil-pakkett ta' informazzjoni jkun nbidlu, l-awtorità ta' approvazzjoni tal-Istat Membru in kwistjoni għandha toħroġ paġna/i riveduti tal-pakkett ta' informazzjoni skond kif ikun meħtieġ, u timmarka kull paġna riveduta biex turi b'mod ċar in-natura tal-bidla u d-data tal-ħruġ mill-ġdid; verżjoni aġġornata tal-pakkett ta' informazzjoni akkumpanjata minn deskriżżjoni dettaljata tal-bidla titqies ukoll li tissodisfa din il-ħtieġa.

Fkull okkażjoni meta l-paġni riveduti jew verżjoni kkonsoġdata w aġġornata jkun maħruġa, l-indiċi tal-pakkett ta' informazzjoni (li jkun anness maċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni) għandu wkoll ikun emendat biex juri l-aħħar dati tal-paġni riveduti jew id-data tal-verżjoni konsolidata w aġġornata.

Jekk, minbarra dan, jew ikun hemm ħtieġa ta' aktar speżżjonijiet, jew xi informazzjoni fiċ-ċertifikat ta' approvazzjoni (eskluż l-annessi tiegħu) tkun nbidlet jew il-ħtiġiet ta' xi Direttiva separata applikabbli għad-data li minnha l-ewwel d-dħul fis-servizz ikun ipprojbit ikun nbidlu sa mid-data kurrenti li hemm fuq l-approvazzjoni tal-vettura, l-emenda għandha tkun msemmija bħala 'estensjoni' u l-awtorità ta' approvazzjoni tal-Istat Membru in kwistjoni għandha toħroġ ċertifikat ta' approvazzjoni rivedut (denotat b'numru ta' l-estensjoni) li għandu juri b'mod ċar ir-raġuni għall-estensjoni u d-data ta' ħruġ mill-ġdid.

Jekk l-awtorità ta' approvazzjoni tal-Istat Membru in kwistjoni ssib li xi emenda għall-pakkett ta' informazzjoni tkun tiġġustifika ispezzjonijiet ġodda, din għandha tinforma lill-fabbrikant b'dan u toħroġ id-dokumenti msemmija fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet subparagrafi biss wara wara t-twettieq b'suċċess ta' l-ispezzjonijiet ġodda. Dokument rivedut għandu jintbagħat lill-awtoritajiet ta' approvazzjoni l-oħrajn kollha fi żmien xahar.

5. Meta jkun apparenti li l-approvazzjoni tat-tip ta' vettura tkun se ssir invalida minħabba li waħda jew aktar mill-approvazzjonijiet tad-Direttivi separati msemmija fil-pakkett ta' informazzjoni tagħha tkun sejra ssir invalida jew minħabba l-introduzzjoni ta' Direttiva separata ġdida fl-Anness IV, il-Parti I, l-awtorità ta' approvazzjoni tal-Istat Membru li jkun ta dik l-approvazzjoni għandha, mhux f'inqas minn xahar qabel ma l-approvazzjoni tat-tip tal-vettura ma tibqax valida, tikkomunika dak il-fatt lill-awtoritajiet ta' approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn flimkien ma' indikazzjoni tad-data rilevanti jew in-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura ta' l-aħħar vettura prodotta f'konformità maċ-ċertifikat il-qadim.

6. Għal kategoriji ta' vetturi mhux affettwati minn bidla fil-ħtiġiet ta' Direttivi separati jew f' din id-Direttiva, l-emenda għal-approvazzjoni m'għandha tkun meħtieġa.”;

4. Fl-Artikolu 6(1), dan is-subparagrafu li ġej huwa miżjud:

“Iċ-ċertifikat ta' konformità għandu jsir b' tali mod li jipprevjeni xi falsifikazzjoni. Għad dan l-iskop, l-istampar għandu jsir fuq karta protetta jew minn grafiċi kkuluriti jew bil-*watermark* bil-marka ta' identifikazzjoni tal-fabbrikant.”;

5. L-Artikolu 8(2) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (b) huwa emendat kif ġej:

(i) fil-punt 1 il-kelma 'kwantitattivi' hija mħassra;

(ii) il-punt 2 huwa mibdul b'dan li ġej:

“2. Biex jiġi applikat il-punt 1 għal tip wieħed jew aktar ta' xi kategorija partikolari, il-fabbrikant għandu jissottometti talba lill-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru kkonċernat bid-dħul fis-servizz ta' dawn it-tipi ta' vettura. It-talba għandha tispeċifika r-raġunijiet tekniċi u/jew ekonomiċi li hija bbażata fuqhom.

Fi żmien tliet xhur dawn l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu jekk u għal liema numru ta' unitajiet, huma jaċċettaw li t-tip ta' vettura kkonċernat jkun irreġistrat fit-territorju tagħhom.

Kull Stat Membru kkonċernat bid-dħul fis-servizz ta' dawn it-tipi ta' vettura għandu jkun responsabbli biex jassigura li l-fabbrikant ikun konformi mad-disposizzjonijiet ta' l-Anness XII.B.

L-Istati Membri għandhom kull sena jibagħtu lill-Kummissjoni lista ta' l-eżenzjonijiet mogħtija.”;

(b) il-punt (ċ) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(ċ) Vetturi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati li jinkorporaw teknoloġiji jew kunċetti li ma jstgħux, minħabba n-natura speċifika tagħhom, jkunu konformi ma waħda jew aktar mil-ħtiġiet ta' waħda jew aktar mid-Direttivi separati

F' dan il-każ l-Istat Membru jista' jagħti approvazzjoni ristretta fil-validità għat-territorju tiegħu, iżda għandu fi żmien xahar wara li jagħmel dan jibgħat kopja taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni u l-annessi tiegħu lill-awtoritajiet ta' approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni. Fl-istess ħin, għandu jibgħat talba lill-Kummissjoni biex ikun awtorizzat jagħti approvazzjoni tat-tip skond din id-Direttiva. It-talba għandha tkun akkumpanjata minn *file* li fih ikollu l-elementi li ġejjin:

— għaliex it-teknoloġiji jew il-kunċetti in kwistjoni jipprevjenu li l-vettura, il-komponent jew l-unita teknika separata tkun konformi mal-ħtiġiet ta' waħda jew aktar mid-Direttivi separati rilevanti,

— deskrizzjonijiet ta' l-oqsma ta' sigurtà u l-protezzjoni ambjentali kkonċernati u l-passi meħuda,

— deskrizzjoni tat-testijiet u r-riżultati tagħhom juru li għall-anqas livell ekwivalenti ta' sigurtà u protezzjoni ambjentali kif hemm previst fil-ħtiġiet ta' waħda jew aktar mid-Direttivi separati rilevanti,

— proposti għall-emendi għad-Direttivi separati rilevanti jew Direttiva/i separata/i ġdida/ġodda skond il-każ.

Fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi l-*file* komplut, il-Kummissjoni għandha tissottometti abbozz tad-deċiżjoni lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 13. Il-Kummissjoni għandha, b'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13, tiddeċiedi jekk tawtorizzax jew le lill-Istat Membru li jagħti l-approvazzjoni skond din id-Direttiva.

Huma biss it-talba biex tingħata l-approvazzjoni u l-abbozz tad-deċiżjoni li għandhom ikunu trasmessi lil-Istati Membri fil-lingwa jew fil-lingwi nazzjonali tagħhom, iżda l-Istati Membri jistgħu jitolbu l-elementi kollha tal-*file* fil-lingwa oriġinali bħala prerekwiżit għat-teħid ta' deċiżjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13.

Jekk deċiżjoni tkun meħudha biex tapprova t-talba, l-Istat Membru jista' joħroġ l-approvazzjoni tat-tip skond din id-Direttiva. F'dawn il-każi, id-deċiżjoni għandha tistabbilixxi wkoll jekk timponix xi restrizzjonijiet (bħal terminu ta' żmien) fuq il-validità tagħha. Il-validità ta' l-approvazzjoni m'għandha fl-ebda każ tkun ta' anqas minn 36 xahar.

Meta id-Direttiva/i separata/i rilevanti jiġu jew ikunu ġew adattata/i għall-progress tekniku hekk li -vetturi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati li għalihom ikunu ingħataw l-approvazzjonijiet skond id-disposizzjonijiet ta' dan is-subparagrafu (ċ), jkunu konformi mad-Direttiva/i emendatorja/i, l-Istati Membri għandhom jikkonvertu dawn l-approvazzjonijiet għall-approvazzjonijiet normali fil-waqt li jaħsbu għaż-żmien meħtieġ, eż., sabiex il-fabbrikanti jbiddu il-marki ta' l-approvazzjoni fuq il-komponenti. Dan jinkludi t-tħassir ta' kull riferenza għar-restrizzjonijiet jew l-eżenzjonijiet u s-sostituzzjoni ta' numri ta' approvazzjoni speċjali b'numri ta' approvazzjoni normali.

Jekk il-passi meħtieġa biex ikunu adattata/i id-Direttiva/i separata/i ma jkunux ittieħdu, il-validità ta' approvazzjonijiet mogħtija skond id-disposizzjonijiet ta' dan il-punt, tista' tiġi estiża fuq talba tal-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni b'deċiżjoni oħra meħuda skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13.”;

6. fl-Artikolu 10(2) it-tieni sentenza hija mibdula b'dan li ġej:

“Il-verifika biex ikun assigurat li l-prodotti jkunu konformi mat-tip approvat għandha tkun limitata għall-proċeduri stabbiliti fis-Sezzjonijiet 2 u 3 ta' l-Anness X u f'dawk id-Direttivi separati li jkun fihom ħtiġiet speċifiċi.”;

7. fl-Artikolu 13(1), jżied dan il-paragrafu 5 li ġej:

“5. Jekk il-Kummissjoni tadotta emendi għal xi Direttiva separata, hi għandha fuq il-bażi ta' l-istess emendi tadotta emendi xierqa għall-Annessi rilevanti ta' din id-Direttiva.”;

8. l-Annessi huma emendati skond l-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrativi meħtieġa biex ikunu konformi ma din id-Direttiva sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 1998. Għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

Meta l-Istati Membri jadotaw dawn id-disposizzjonijiet, dawn għandhom ikun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkompanjati b'referenza bħal din fil-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal din ir-referenza għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-disposizzjonijiet ewlenija tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam irregolat b'din id-Direttiva.

3. L-Istati Membri għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għal tipi ġodda ta' vetturi mill-1 ta' Ottubru 1998. B'dana kollu, fuq talba tal-fabbrikant, il-mudell preċedenti taċ-ċertifikat ta' konformità jista' xorta jintuża għal 12-il xahar wara dik id-data għal vetturi kompleti u 18-il xahar għal vetturi kompleti b'konformità ma' l-approvazzjoni tat-tip f'aktar minn fażi waħda.

4. Din id-Direttiva ma għandhiex tinvalida xi approvazzjoni mogħtija qabel d-dħul tagħha fis-seħħ, u lanqas tippreveni l-estensjoni ta' tali approvazzjonijiet skond il-kundizzjonijiet tad-Direttiva taħt liema jkunu ngħataw oriġinarjament. B'dana kollu, minn 12-il xahar wara d-data speċifikata fil-paragrafu 3 għal vetturi kompleti u 18-il xahar għal vetturi kompleti b'konformità ma' l-approvazzjoni f'aktar minn fażi waħda, iċ-ċertifikati kollha tal-konformità maħruġa mill-fabbrikant għandhom ikunu konformi mal-mudell speċifikat fl-Anness IX tad-Direttiva 70/156/KEE kif emendata b'din id-Direttiva.

5. Sa fejn hija kkonċernata l-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi, l-Istati Membri għandhom japplikaw din id-Direttiva biss għal vetturi tal-kategorija M₁ attrezzați b'magna ta' kombustjoni interna sakemm issir l-emenda għall-Annessi sabiex tinkludi vetturi tal-kategorija M₁ imħaddma b'magni apparti milli magni tal-kombustjoni interna u kategoriji oħrajn ta' vetturi. Sadanittant, id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 10 tad-Direttiva 70/156/KEE, kif emendata bid-Direttiva 87/403/KEE (1), għandhom jgħoddu għall-approvazzjoni tat-tip ta' vettura ta' kategoriji oħrajn ta' vetturi.

(1) ĠU L 220, 08.08.87, p. 44.

6. L-Istati Membri għandhom japplikaw l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 70/156/KEE kif emendata b' din id-Direttiva, biss fuq it-talba tal-fabbrikant għal vetturi bi iskop speċjali msemmija fl-Anness XI sad-data(i) speċifikata(i) f'emenda għal din id-Direttiva, sabiex tinkludi vetturi ta' kategoriji apparti milli M_1 .

Sadanittant, l-Istati Membri għandhom jagħtu l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali lil, u jippermettu r-reġistrazzjoni, l-bejgħ u d-dħul fis-servizz ta' dawn il-vetturi, jew tal-komponenti u ta' l-unitajiet separati tekniċi għal dawn il-vetturi skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 10 tad-Direttiva 70/156/KEE.

7. Sal-31 ta' Diċembru 1997 għall-vetturi kompleti, sal-31 ta' Diċembru 1999 għal vetturi kompleti b'konformità ma' l-approvazzjoni tat-tip f'aktar minn fażi waħda u sad-dati msemmija fil-paragrafu 6 għal vetturi bi skop speċjali imsemmija fl-Anness XI, l-Artikolu 7(1) u (2) tad-Direttiva 70/156/KEE kif emendata b'din id-Direttiva, ma għandux japplika għal vetturi, komponenti jew unitajiet separati tekniċi li jappartjenu għal tip li għalih tkun ingħatat approvazzjoni tat-tip nazzjonali qabel l-1 ta' Jannar 1996 għal vetturi kompleti jew qabel l-1 ta' Jannar 1998 għal vetturi kompleti b'konformità ma' l-approvazzjoni tat-tip f'aktar minn fażi waħda, u lanqas m'għandu jgħodd għal vetturi bi skop speċjali qabel id-dati msemmija fil-paragrafu 6 jew għal tip li l-Istat Membru jkun irregiſtra jew approva għall-bejgħ jew id-dħul fis-servizz qabel l-1 ta' Jannar 1996 għall-vetturi kompleti jew l-1 ta' Jannar 1998 għal vetturi kompleti b'konformità ma' l-approvazzjoni tat-tip f'aktar minn fażi waħda jew id-dati msemmija fil-paragrafu 6.

8. L-approvazzjonijiet li jiffurmaw parti mill-proċedura nazzjonali ta' l-approvazzjoni tat-tip imsemmijin fil-paragrafi 6 u 7 li jkunu ngħataw skond id-Direttivi separati għandhom jibqgħu fis-seħħ wara d-dati stabbiliti fil-paragrafi 6 u 7 kemm-il darba ma tapplikax xi waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fir-raba' subparagrafu ta' l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 70/156/KEE, kif emendata b'din id-Direttiva.

9. Sakemm issir l-armonizzazzjoni tas-sistemi tar-reġistrazzjoni u tat-tassazzjoni tal-Istati Membri għal vetturi koperti b'din id-Direttiva, l-Istati Membri jisgħtu jużaw sistemi ta' kodiċi nazzjonali biex jiffaċilitaw ir-reġistrazzjoni u t-tassazzjoni fit-territorju tagħhom. Għal dan l-iskop, l-Istati Membri jisgħtu jissuddividu l-verżjonijiet li jidhru fil-Parti II ta' l-Anness III, basta li d-dettalji użati għas-suddiviżjoni huma espliċitament iddikjarati fil-pakkett ta' informazzjoni jew jistgħu ikunu deduċibbli minnu b'kalkoli sempliċi. L-Istati Membri jistgħu wkoll jitolbu li ċ-ċertifikat ta' konformità jkun issupplimentat b'numru(i) tal-kodiċi nazzjonali.

10. Sakemm tiġi emendata d-Direttiva 70/156/KEE biex tinkludi wkoll vetturi ta' kategoriji apparti milli M_1 , għal vetturi bi skop speċjali msemmijin fl-Anness XI b'konformità ma' l-approvazzjoni tat-tip f'aktar minn fażi waħda, l-Istati Membri jistgħu jagħtu approvazzjonijiet ta' vetturi bbażati fuq ċertifikati ta' approvazzjoni mogħtija lill-fabbrikant tal-vettura bażika/mhux kompleta ta' dawn il-kategoriji meta d-disposizzjonijiet ta' l-Anness XI jippermettu lill-vettura tissodisfa l-ħtiġiet applikabbli għall-kategorja li l-vettura bażika/mhux kompleta tappartjenu għaliha.

B'żida ma dan, għall-proċeduri sussegwenti ta' reġistrazzjoni, il-fabbrikant tal-vettura bażika/mhux kompleta ta' kategoriji apparti milli M_1 għandu joħroġ dikjarazzjoni bil-miktub skond l-Anness XV.

11. Bla ħsara għall-punti (a) u (b) ta' l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 70/156/KEE kif emendata b'din id-Direttiva, il-paragrafi 6 u 7 ta' dan l-Artikolu m'għandhomx jippermettu lill-Istati Membri li jidderogaw minn xi disposizzjoni ta' Direttiva separata jew ta' din id-Direttiva li jistabbilixxu ħtiġiet ibbażati fuq l-armonizzazzjoni totali fir-rigward ta' l-approvazzjoni tat-tip u d-dħul inizzjali fis-servizz ta' vettura, komponent jew unità teknika separata.

12. Id-disposizzjonijiet fil-punt (b) ta' l-Artikolu 8(2), bl-eċċezzjoni tal-kliem 'taħt l-Artikolu 5(5)' u tat-tieni inċiż tal-punt 1, għandhom japplikaw għal vetturi tal-kategorija M_1 attrezzati b'magna tal-kombustjoni interna rregiſtrati wara d-dati speċifikati fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu u li mhumiex akkumpanjati minn ċertifikat validu ta' konformità validu.

13. Il-validità ta' approvazzjonijiet tat-tip li jkunu ingħataw qabel taħt id-disposizzjonijiet tal-punt (ċ) ta' l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 70/156/KEE għandha titqies li hija estiża għal perijodu wieħed ta' 12-il xahar mid-data tal-iskadenza tagħhom.

Artikolu 3

1. Mhux aktar mill-31 ta' Diċembru 2000, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni rilevanti kkomunikata mill-awtoritajiet ta' approvazzjoni kompetenti, il-Kummissjoni għandha tagħmel rapport dwar l-applikazzjoni tal-proċeduri Ewropej għall-approvazzjoni tat-tip, b'attenzjoni partikolari, iżda mhux esklussiva, għall-impatt fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SME) involuti f'kostruzzjoni f'aktar minn fażi waħda, u jekk xieraq, għandha tipproponi l-emendi meħtieġa biex ittejjeb il-proċess ta' armonizzazzjoni.

2. Mhux aktar mit-31 ta' Diċembru 2000 il-Kummissjoni għandha taqdim rapport dwar il-kundizzjonijiet ta' l-applikazzjoni tal-punt 1, is-Sezzjoni B ta' l-Anness II tad-Direttiva 70/156/KEE kif emendata b'din id-Direttiva fl-Istati Membri u, jekk xieraq, għandha tipproponi simplifikazzjoni ta' dawn il-ħtiġiet.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-6 ta' Frar 1998.

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Membre tal-Kummissjoni

ANNEX

Ara: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/116/KE, ĠU L 18, tal-21.1.2002, p. 1.
